MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 979/2001/1

**Avviz numru 979/01 DM**

**Middlesea Insurance p.l.c., Citadel Insurance p.l.c., Thomas Smith Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza ta' SIAT (Societa' Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni), Gasan Mamo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza ta' CGU Insurance p.l.c. u Atlas Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza ta' AXA Insurance p.l.c., ilkoll kif surrogati fid-drittijiet tal-kumpanija Joseph Said Limited, u Joseph Said Limited.**

**Vs**

**M.D. Trucking Limited u b'digriet tat-12 ta' Frar, 2002, giet kjamata in kawza s-socjeta' Sea Malta Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, tlett mija u sitta u tletin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm2,336.81) dovuta in kwantu ghal elfejn, sitta u tmenin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm2,086.81) lill-kumpanija assikuratrici fuq imsemmija kif surrogati fid-drittijiet tal-kumpanija assikurata minnha Joseph Said Limited, liema ammont jinkludi ‘survey fees’, u in kwantu ghar-rimanenti mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) lil Joseph Said Limited bhala ‘excess’ imhallas minnu, liema ammont jirrapprezenta danni sofferti mill-kumpanija Joseph Said Limited (survey report anness mal-avviz bhala Dok A), u li ghaliha ghamlu tajjeb il-kumpaniji assikurattrici fuq indikati (surroga annessa mal-avviz bhala Dok B), u liema danni graw unikament tort taghhom minhabba inadempjenza fl-obbligi kuntrattwali taghhom u /jew negligenza u traskuragni meta il-konvenuti ttrasportaw konsenja ta’ elf , mitejn u sitta u disghin (1,296) kartuna banana ppakjati gewwa erbgha u ghoxrin (24) ‘pallets’ minn Genova, l-Italja sa Malta ‘ex-m/v Maltese Falcon’ gewwa F.C.L. Reefer Trailer No. TR 2217334, liema konsenja telqet minn Lugano, Svizzera.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti ma kienx responabbli bl-ebda mod ghall-akkadut ;
2. Subordinament, l-esponenti segwa istruzzjonijiet moghti mill-istess attur Joseph Said Ltd., u ma kien b’ebda mod negligenti anzi kien diligenti fl-inadempjament tal-inkarigu lilu moghti u kwindi mhux responsabbli skond Artiklu 17.2 tas-CMR Rules li huma applikabbli ghall-kawza in kwistjoni ;
3. Subordinament u bla pregudizzju ghall-premess fi kwalunkwe kaz, l-ammont reklamat ghandu jigi regolat skond is-CMR Rules partikolarment Artikolu 23.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

.

Rat l-eccezzjonijiet tas-Sea Malta Company Limited fejn eccepiet:

1. Illi l-atturi ddekadew minn kwalsiasi dritt li setgha kellhom kontra l-eccipjenti;
2. Bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-eccipjenti personalment ma ghandhom l-ebda relazzjoni ma' l-atturi;
3. Illi l-eccipjent ma huma bl-ebda mod responsabbli ghall-hsarat lamentati fl-avviz odjern dan kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza ;
4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;
5. Illi stante li l-avviz fl-ismijet premessi ma jaghtix l-informazzjoni kollha mehtiega biex jigu rintraccjati d-dokumenti rilevanti, u, specifikament, ghal dak li jirrigwarda z-zmien tal-vjagg, l-eccipjenti jirriservaw id-dritt li jaghmlu eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz meta l-atturi jfornu l-informazzjoni mehtiega ;
6. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar il-hsarat fil-merkanzija mportata minn Joseph Said Limited jirrizulta effettivament li din kienet tikkonsisti f'konsenja ta' banana illi meta waslet Malta fil-5 ta' Dicembru, 2000, kienu nstabu hsarat konsiderevoli fil-frott u illi, billi l-kumpanija mportatrici, l-atturi Joseph Said Limited, kienet assikurat il-frott ma l-atturi l-ohra, intbaghat Paul Ellul tal-kumpanija MSB Valletta Limited u ghamel 'survey' tal-merkanzija wara liema 'survey' huwa rrilaxxja r-rapport iddettaljat li jinsab esibit a fol. 2 tal-process immarkat dokment 'A'.

A bazi ta' dan ir-rapport il-kumpaniji attrici assikuraturi ghamlu tajjeb ghall-hsarat fis-somma ta' elf, disa' mija, wiehed u erbghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,941.81), billi mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) mill-ammont tad-danni batewh l-importaturi stess a bazi ta' l-'excess' miftiehem bil-polza ta' assikurazzjoni.

Inoltre l-atturi hallsu s-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm144.92), bhala 'survey fees' biex id-danni totali illi soffrew l-atturi assikuraturi ammontaw ghas-somma komplessiva ta' elfejn., sitta u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,086.80) filwaqt li d-danni li soffrew l-atturi Joseph Said Limited jammontaw ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Biex l-atturi jistghu jipprovaw ir-responsabbilita' tal-konvenuti ghal dawn id-danni huma jridu jindikaw illi effettivament il-merkanzija kienet giet moghtija lil trasportaturi f'kundizzjoni tajba u wara t-trasport din giet ikkonnsenjata lilhom bid-danni riskontrati mis-'surveyors', u billi mir-rapporti li saru jirrizulta illi l-kawza ta' dawn id-danni hija flutwazzjoni fit-temperatura ta gewwa t-'trailer' li fiha kienet qed tigi trasporata l-merkanzija, f'kaz li jirrizulta li l-konvenuti kienu infurmati bil-grad ta temperatura kostanti li kellhom izommu fit-'trailer' jispetta lill-istess konvenuti li jipprovaw illi huma effettivament zammew it-temperaturi konsiljati u li d-danni ma kienux tort taghhom.

Mid-deposizzjoni ta' Keith Said jirrizulta illi l-hsara illi garbet il-konsenja ta' banana kienet dovuta minnhabba l-fatt illi t-temperatura tat-'trailer' li fiha kienet giet ittrasportata kienet mizmuma f'temperatura iktar baxxa minn dak illi kien gie rakkomandat, u illi hija din it-temperatura li effettivament tkun ikkawzat id-danni fil-banana li jibdew javveraw ruhhom kif appena l-banana tibda timmatura.

Effettivament xi jumejn (2) wara illi kienet giet ikkonnsenjata din il-banana bdew javveraw ruhhom id-difetti kif gew ezaminati mis-'surveyor' Paul Ellul.

Minn naha tal-konvenuti, M.D.Trucking, ix-xhud Anton Ferres jiddikjara illi effettivament l-istruzzjonijiet illi kellhom meta giet ikkonnsenjata l-banana kienu illi jzommu temperatura kostanti ta' tlettax-il grad Celcius (13°C) gewwa t-trailer in konferma ta' dak li xehed rappresentant ta' l-importaturi, u kkonferma ukoll li, meta t-'trailer' tal-kumpanija M.D. Trucking gie rilaxxjat minn fuq il-vapur tas-Sea Malta, dan effettivament kellu temperatura ta' hdax-il grad celcius (11°C), inqas minn dik it-temperatura illi kellha fih tinzamm il-konsenja tal-banana.

L-istess Anton Ferris inoltre ma jikkontestax illi l-banana kienet giet mghoddija ghat-trasport lill-kumpanija konvenuta f'kundizzjoni tajba, infatti huwa jsosstni li, ghalkemm il-banana kienet akkumpanjata mid-dokumenti taghha is-'sub contractor' tal-kumpanija konvenuta ma joqghodx jezamina d-dettalji tal-merkanzija illi tkun qieghda titghabba fit-'trailer'; infatti huwa jsosstni illi talab li jinghata d-dokumenti relatati ghall-kundizzjoni tal-banana (phyto sanitary certificate) meta biss gie rinfaccjat bit-talba ghad-danni mill-importaturi.

Inoltre l-istess konvenuti, li jirrikonoxxu illi effettivament it-temperatura li kellha tigi osseravata ma kienitx giet applikata ghaliex effettivament il-'container' instab li kien ta' temperatura inqas meta gie mnizzel minn fuq il-vapur, isosstnu li dan in-nuqqas seta' kien dovut ghal nuqqas ta' l-operaturi tal-vapur li ma kkomunikawx it-'trailer' ma' generatur biex il-mekkanizmu ta' refrigerazzjoni jibqa' jahdem.

Kien a bazi ta din l-allegazzjoni li gew kkjamati fil-kawza il-kumpanija Sea Malta Company Limited", izda jispetta lill-konvenuti li jippruvaw fil-konfront ta' l-kjamati fil-kawza il-ftehim u l-allegat nuqqas.

Pero' l-istess konvenuti, ghalkemm jiddikjaraw illi xi 'surveyor' mqabbad minnhom stess seta' ghamel qari tat-temperaturi temperaturi ta' gewwa t-'trailer' minn meta tghabbiet il-merkanzija sakemm inhattet, huma jammettu illi ma kienux f'pozizzjoni illi jhallu li ssir l-ispezzjoni ta' l-istess 'trailer' biex jista' jittiehed qari tal-istess temperaturi

mis-surveyor ta l-atturi, billi l-istess ‘trailer’ ftit wara li nhatt rega’ ntbaghat barra minn Malta.

Ghaldaqstant billi jirrizulta mill-provi prodotti illi ndubjament il-konsenja ta’ banana, li ma jirrizultax illi kienet fi stat dannegjat meta giet mobbija fit-‘trailers’ tal-konvenuti, kellha tigi mizmuma f’temperatura ta’ mhux inqas minn tlettax-il grad (13°C)  u jirrizulta ndubbjament illi, mall-konsenja ta’ din il-banana, t-temperatura kienet effettivament ta’ hdax-il grad (11°C) u illi dan in-nuqqas fit-temperatura kien il-kawza tad-danni; billi jirrizulta wkoll illi l-obbligu illi jzommu l-konsenja ta’ banana fit-temperatura rakkomandata kien l-obbligu tal-konvenuti, M.D. Trucking Limited, tirrizulta ampjament ir-resposabilita’ ta’ l-konvenuti ghall-hsarat konsegwenti sakemm ma jippruvawx illi dan in-nuqqas li tinzamm it-temperatura obbligatorja kien dovut ghal xi nuqqasijiet tal-kjamati fil-kawza Sea Malta Company Limited

Din il-prova pero’ il-konvenuti ma gabuhiex.  Mid-deposizzjoni ta Anton Ferris jirrizulta biss li t-trailer nizel minn fuq il-vapur ta Sea Malta b’temperatura inqas minn suppost u illi jissusppetta biss f’xi nuqqas ta Sea Malta. Infatti lanqas ma gie spjegat kif effettivament it-temperatura nizlet izjed minn suppost u mhux telghat meta in-nuqqas suspettat tal-kjamati fil-kawza Sea Malta kien illi ma kkomunikawx ir’refregeration mechanism’ ma generatur.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta’ ebda prova dwar xi nuqqas da parti tal-kjamati fil-kawza s-Sea Malta ssib li t-talba attrici fil-konfront taghhom ma tirrizultax u qed tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza fil-mertu.

Izda fejn jirrigwarda l-konvenuti M.D. Trucking Limited il-Qorti ssib illi, minhabba li jirrizulta indubbjament illi t-temperatura obbligatorja ma gietx osservata waqt it-trasport tal-merkanzija ghal Malta, l-konvenuti ghandhom jigu tenuti responsabbli ghal dan in-nuqqas u ghad-danni sussegwenti. Konsegwentement qieghda tilqa’ it-talbiet attrici fil-konfront tal-kumpanija konvenuta, u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet taghhom tikkundanna lill-istess

konvenuti M.D. Trucking Limited sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) lill-atturi Joseph Said Limited ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz u l-bilanc ta' elfejn, sitta u tmenin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm2, 086.51) lill-atturi l-ohra in solidum bejniethom, oltre l-imghax legali b'effett mit-3 ta' Dicembru, 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti M.D. Trucking Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------